

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tintegrah mill-ġdid fil-grad AD 8, skala 5, fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, CX vs Il-Kummissjoni (T-743/16 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2018:937), fejn huwa jallega li sar jaf permezz tan-nota tal- 21 ta' Marzu 2019, kif ukoll, sa fejn kien hemm bżonn, tad-deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2019 li tiċħad l-ilment tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-danni li huwa kien ġarrab mill-fatt ta' dan id-deċiżjonijiet.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal annullament.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 3) CX u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 95, 23.3.2020.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2022 – CX vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-280/20) (¹)

(“*Servizz pubbliku – Uffiċjali – Proċedura dixiplinarja – Revoka – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2023/C 63/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CX (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Vernier u T. Bohr, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Ġunju 2019 li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni ta' revoka mingħajr tnaqqis tad-drittijiet tiegħi għal pensjoni, flimkien ma', min-naħa l-oħra, sa fejn hemm bżonn, tad-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016 li tiċħad l-ilment tiegħu.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) CX u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 247, 27.7.2020.